MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 1113/2010

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Debono Christopher Charles**
**I.D.315990(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta’ elf hames mija u sittax-il Ewro u hamsa u disghin centezmu (€1,516.95) liema somma tirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lill-*Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru *427899* u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru

pprezentat kontestwalment ma’ dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf hames mija u sittax-il Ewro u hamsa u disghin centezmu (€1,516.95) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lill-*Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru *427899* u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------